# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum it-Tnejn, 20 ta' Ġunju, 2022

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 19/2020ISB**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli (I.D. 664359M) u l-Avukat Dottor Tonio Grech (I.D. 260360M) fil-kwalita' taghhom bħala mandatarji speċjali ta' Nan Finance S.A., soċjeta' estera reġistrata f'Monrovia, Liberja, bin-numru tar-reġistrazzjoni C-76869 kif ukoll ta' Elias Glyptis residenti ġewwa Voula, il-Greċja li għandu il-passaport Grieg numru AP 0780324**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji, u**

**Gabrielle sive Gabby Dingli (I.D. 457163M) ġja' stralċjarja tas-soċjeta' Chester Maritime Limited (C-26916).**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli (I.D. 664359M) u l-Avukat Dottor Tonio Grech (I.D. 260360M) noe et**, li permezz tiegħu talab lill-Qorti sabiex:

> ***1.*** ***Tiddikjara*** *illi t-thassir tal-isem tal-kumpannija Chester Maritime Limited mir-registru tal-kumpanniji sar b'mod irregolari ghaliex fil-fatt sar qabel ma kienu ttiehdu in kunsiderazzjoni u qabel ma kienu gew distribwiti l-assi u d-dejn kollu tal-istess kumpannija skont l-iskema tad-distribuzzjoni*

*mhejjija mill-istralcjarja tal-istess kumpannija u ghalhekk jissussistu l-elementi rikjesti mill-Artikolu 300B tal-Att Dwar il-Kumpanniji sabiex l-isem tal-kumpannija jerga' jigi restitwit u l-istralc tal-kumpannija jerga' jinfetah.*

*2. **Tordna** a tenur tal-Artikolu 300B tal-Att Dwar il-Kumpanniji lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji sabiex jerga' jqieghed l-isem tal-kumpannija Chester Maritime Limited fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*3. **Tordna** illi jerga' jinfetah l-istralc tal-istess kumpannija limitatament sabiex l-intimata Gabrielle sive Gabby Dingli tkun tista' tifformalizza d-distribuzzjoni tal-assi u tad-dejn tal-istess kumpannija billi tiehu wkoll konjizzjoni tal-First Supplemental Agreement u tax-Share Transfer Agreement wara li dawn jigu iffinalizzati u ffirmati mill-partijiet koncernati.*

*4 **Tordna** lill-intimata Gabrielle sive Gabby Dingli illi taghmel dak kollu li hemm bzonn ghan-nom ta' Chester Maritime Limited sabiex jigi formalizzat it-trasferiment tad-dejn u tal-ishma kollha illi ghandha fil-Piraues Bank S.A. u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi intavolat a tenur ta' l-artikolu 330B ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta)*

2. *Illi l-esponenti huma awtoriżżati jagħmlu dan ir-rikors għan-nom tal-mandanti tagħhom permezz ta' prokuri speċjali lilhom mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2019, kopji annessi u mmarkati bħala Dok. CM1 u Dok. CM2.*

3. *Illi s-soċjeta' rikorrenti Nan Finance S.A. kienet id-detentriċi ta' erba' mija u disgħa u disgħin (499) sehem ordinarju fis-soċjeta' Chester Maritime Limited (C-26916) tal-valur nominali ta' Ewro kull sehem, filwaqt illi ir-rikorrent Elias Glyptis kien id-detentur ta' sehem wiehed ordinarju fl-istess soċjeta' Chester Maritime Limited (C-26916) tal-valur nominali ta' Ewro – sakemm l-istess soċjeta' ġiet xolta u l-isem tagħha ġie mħassar b'effett mill-4 ta' Settembru, 2019 (Dok. CM 3)*

4. *Illi s-soċjeta' Chester Maritime Limited kienet ġiet xolta permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-fuq imsemmija azzjonisti tal-kumpannija datata 30 ta' Jannar, 2019, u dana a tenur tar-Regolament 99 (1) (b) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations 2004 (Dok. CM4).*

5. *Illi kif jirriżulta mir-Rapport ta' l-istralċjarja (Dok. CM5) (i) ma kienx ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt illi s-socjeta' Chester Maritime Limited kienet flimkien ma ohrajn isselfet is-somma ta' seba' miljuni u disa' mitt elf dollari amerikani (USD7,900,000) minn ghand il-Piraeus Bank S.A. bis-sahha ta' Loan Agreement datat 24 ta' Gunju 2016 (Dok. CM6) u (ii) ma kienux lanqas ittieħdu in konsiderazzjoni iż-żewġ miljuni u ħames mitt elf sehem illi l-istess soċjeta' Chester Maritime Limited kellha fl-istess Piraeus Bank S.A., liema ishma huma wkoll ippleġġjati a favur ta' l-istess bank in kawtela tas-self fuq riferit permezz ta' Share Pledge Agreement datat 8 ta' Lulju, 2016 (Dok. CM7) li kien ġie o debitament notifikat lil Greek Central Depository of Titles S.A. (Dok. CM8) fl-istess data (ara paġna 6 ta' l-istess document).*

6. *Illi bi żvista il-fuq imsemmija self u investiment ippleggjat skont kif fuq premess ma kienx inġib a konjizzjoni ta' l-istralċjarja.*

7. *Illi sabiex l-istralc u distribuzzjoni tal-assi tas-socjeta' Chester Maritime Limited jkun jista' jigi effettivament konkluz, jehtieg illi l-fuq imsemmija self u ishma kif debitament ippleggjati jigu trasferiti mill-istralcjarja a favur tas-socjeta' Gelico Shipping Co. S.A., socjeta' registrata f'Monrovia, Liberia, u dana tramite First Supplemental Agreement illi abbozz tieghu huwa hawn anness bhala Dok CM 9) u illi wkoll diga' gie approvat mill-imsemmi Piraeus Bank S.A., kif ukoll jehtieg li jigu trasferiti ix-shares li ghandha Chester Maritime Limited f'Piraeus Bank S.A. lis-socjeta Gelico Shipping Co. S.A. u dan tramite Share Transfer Agreement illi abbozz tieghu huwa hawn anness bhala Dok. CM10, b'dan illi il-prezz tax-shares ikun dak vigenti meta isir it-trasferiment. Illi wara Announcement ta' Piraeus Bank S.A. datat 26 ta' Lulju 2017 kull share fil-Bank sar jiswa sitt Ewro (Eur6.00) flok tletin centezmu (Eur0.30) izda kull share gdid ta' sitt Ewro (Eur6.00) ha post 20 shares antiki ta' tletin centezmu (Eur0.30) u ghalhekk Chester Maritime Limited ghandha 125,000 share gdid flok 2,500,000 share antik, u dan kif konfermat mill-Elias Glyptis fl-Affidavit tieghu hawn anness u markat Dok. CM11.*

8. *Illi l-imsemmija socjeta' Gelico Shipping Co. S.A. hija 'sister company' tas-socjeta' in kwistjoni Chester Maritime Limited, billi r-rikorrenti huma wkoll l-azzjonisti fl-istess socjeta' Gelico Shipping Co. S.A. (Dok. CM12); u dan il-fatt jispjega r-raguni il-ghaliex l-istess socjeta' Gelico Shipping Co. S.A. hija pronta sabiex tassumi d-dejn kollu illi ghandha s-socjeta' Chester Maritime Limited, liema dejn jeccedi l-valur tal-fuq imsemija ishma pleggjati favur il-Piraeus Bank S.A.*

9. *Illi skond ir-Regolament 3(3) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations 2004, "Where a matter is not specifically dealt with under these regulations, reference shall be made to the provisions of the Companies Act on such matter including any relevant regulations issued under the Companies Act".*

*10. Illi a tenur tal-Artikolu 300B tal-Att Dwar il-Kumpanniji, meta kumpannija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' titlob lil din l-Onorabbli Qorti permezz ta' rikors sabiex tordna illi l-isem tal-kumpannija jerga' jitqieghed fuq ir-registru u li l-istralc jerga' jinfetah.*

*11. Illi ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, it-tqieghid mill-gdid tas-socjeta' Chester Maritime Limited fuq ir-registru huwa l-uniku rimedju a disposizzjoni tar-rikorrenti sabiex tigi sanata l-irregolarita' illi nholqot fic-cirkostanzi odjerni sabiex l-imsemmi bank Piraeus Bank S.A. ma jisfax pregudikat bl-istralc tas-socjeta' Chester Maritime Limited, u b'hekk ikun jista' jinghalaq definittivament l-istralc tas-socjeta' Chester Maritime Limited skont il-ligi.*

*12. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 9 sa fol 128).

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta` Lulju 2020 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2020 fl-10:00pm, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimati b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi l-intimata Gabrielle sive Gaby Dingly kienet notifikata fis-27 ta' Lulju 2020 (ara tergo ta' fol 130.)

Rat illi fis-7 ta' Awwissu 2020, **Gabrielle sive Gaby Dingli** intimata ppreżentat ir-risposta tagħha (fol. 133), li permezz tagħha, hija sostniet:

1. *Illi hija ma kinitx giet infurmata bis-self u l-ishma imsemmija fil-paragrafu 5 tar-rikors promotorju, u cioe' bil-loan agreement datat 24 ta' Gunju 2016 moghti lil Chester Maritime Limited minn Piraeus Bank S.A. u lanqas bl-ishma li Chester Maritime Limited kellha fl-istess Piraeus bank S.A., liema ishma kienu ippleggjati a favur ta' l-istess bank in kawtela tas-self moghti lilha, u ghalhekk l-esponenti m'ghandhiex tbati spejjez f'din il-procedura.*

2. *Illi l-esponenti tirrimetti ruhha ghal kull decizjoni li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-27 ta' Ottubru 2020 (ara tergo ta` fol 130).

Rat illi fl-14 ta' Awwissu 2020, ir-**Registratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 135), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-kawza ir-registrartur jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti;*

*Illi l-kumpannija kienet giet registrata fis-7 ta' Settembru 2000 u ghalhekk hija regolata taht ir-Regolamenti Dwar Bastimenti Merkantili (Orgajnizazzjonijiet ta' Bastimenti -Kumpanniji Privati);*

*Illi fil-26 ta' Frar 2019, il-kumpannija in kwistjoni baghtet ghar-registrazzjoni l-avvizi relevanti skont l-imsemmija Regolamenti sabiex Chester Maritime Limited (C 26916) tigi xolta u konsegwentement ikkancellata minn fuq ir-registru;*

*Illi fis-16 ta' Mejju 2019, l-istralcjarju Gabrielle Dingli, baghtet l-avviz finali minn naha taghha fejn ikkonfermat illi ai termini ta' Regolament 132 (3) u b'effett mit-2 ta' Mejju 2019 l-process tal-likwidazzjoni u stralc kien gie effettivament iffinalizat;*

*Illi ghaldaqstant l-istralcjarju kompliet sabiex titlob ir-registratur illi l-isem tal-kumpannija Chester Maritime Limited (C 26916) jigi mhassar minn fuq ir-registru;*

*Illi skond l-procedura preskritta mir-Regolamant 138(3), ir-registratur hareg l-publikazzjoni mehtiega sabiex javza illi b'effett mill-4 ta' Mejju 2019 l-isem tal-kumpannija kien gie ikanncellat minn fuq ir-registru;*

*Illi fil-kawza odjerna ir-rikkorenti qeghdin jitolbu sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru minhabba ill ma gewx ikkalkolati somom kbar ta' dejn u obligazzjonijiet serji ohra qabel mal-kumpannija giet xolta u sussegwentement ikkancellata minn fuq ir-registru;*

*Illi iktar specifikament fir-rikors promotur ir-rikkorenti jispegaw illi qabel ma sar l-process illi wassal ghat-thassir tal-isem Chester Maritime Limited minn fuq ir-registru, kien sar self mill-kumpannija de quo ta' ammonti kbar ta' flus u li lanqas ma ttiehed in konsiderazzjoni l-ippleggjar ta' ishma tal-istess kumpannija a favur ta' Piraeus Bank S.A. illi l-kumpannija kellha mizmuma in kawtela tas-self referit iktar il-quddiem;*

*Illi ta' min wiehed issemmi li sakemm l-isem tal-kumpannija kien fuq ir-registru l-ebda notifikazzjoni ta' tali pledge ma nbtbaghat ghal-gharfien tar-registratur. Dan huwa semplicement fatt illi gie a konoxenza tieghu issa meta qed jigi ipprezentant b'dan ir-rikors promotur;*

*Illi madankolhu fl-istatut tal-kumpannija hemm ikkonsiderat il-possibilita u l-permess illi ssir dan l-pledge a tenur tar-Regolament 37 tar-Regolamenti Dwar Bastimenti Merkantili (Organizazzjonijiet ta' Bastimenti -Kumpanniji Privati;*

*Illi r-rikkorenti f' rikors taghhom ibbazaw it-talba taghhom fuq il-htiega illi jigu awtortizati ukoll sabiex isiru zewg trasferimenti ta' ishma ta' Chester Maritime Limited sabiex jghaddu ghal ghand Gelico Shipping Co. S.A. li bhala sister company hija lesta illi tassumi u tonera l-obligazzjoinijiet li Chester Maritime Limited assumit mal Bank Piraeus Bank S.A;*

*Ili l-kumpannija in kwistjoni hija regolata mir-Regolamenti Dwar Bastimenti Merkantili (Organizazzjonijiet ta' Bastimenti -Kumpanniji Privati).Illi fl-imsemmija regolamenti ma hemm ebda provediment illi jipprovdi ghat-tqieghed tal-isem ta' kumpannija xolta u ikkancellata tahthom.Dan sabiex l-istralc jerga jinfetah sabiex tigi rattifikata l-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpannija in kwistjoni;*

*Illi tali possibilita ssir indirettament possibli permezz tar-Regolament 3 (3) illi jghid illi jekk xi haga mhijiex inkluza u applikabli direttament minn dawn ir-Regolamenti,wiehed jista jaghmel referenza ghal tali rimedju jekk l-Att dwar il-Kumpanniji 1995 jipprovdi ghalih;*

*Illi ghaldaqstant ir-rimedju mitlub mir-rikkorenti cioe l-Artikolu 300B tal-Att jista jigi nvokat f'cirkostanzi partikolari bhal dawn tal-kaz odjern igifieri ghal-kumpanniji illi huma regolati mir-Regolmanti Dwar Bastimenti Merkantili (Organizazzzjonijiet ta' Bastimenti-Kumpanniji Privati) illi kif inghad qabel ma jipprovdux ghal-tali rimedju mitlub;*

*Illi ghaldaqstant l-esponent ihoss illi tali rimedju huwa ghaldaqstant indirettament applikabli f' dan il-kaz izda fl-istess hin ghandu jigi akkordat bhala wiehed eccezzjonali u straordinarju. Dan ghandu jinghata ghal-iskop wahdieni, igifieri dak, sabiex tigi rattifikata l-iskema ta' distribuzzjoni biex sussegwentment l-isem tas-socjeta jerga mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji definittavment. Dan sakhemm dina l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi dan huwa l-uniku rimedju illi ghandhom ghad-dispozzjoni taghhom ir-rikorrenti;*

*Illi l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi fis-sentenza taghha dina l-Onorabbli Qorti ghandha taghti direttivi u termini cari u stretti sabiex l-affarjiet tal-kumpannija ma jitwalux bla bzonn;*

*Talli rimedju m'ghandhux jitqies bhala wiehed illi jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta' traskuragni jew negligenza illi setghu gew komessi matul jew qabel l-istralc tal-kumpannija. Frodi jew illegalita huma atti serji u eccezjonali u ghalhekk meta titressaq talba ghal-procedura skond l-Artikolu 300B wiehed minn dawn z-zewg elementi kostitivi irrid jigi provat skont kif titlob il-ligi;*

*Illi meta l-istralc jkun wiehed voluntarju l-attenzjoni , l-vigilanza u kawtela tal-ufficjali u tal-istralcjarju tal-kumpannija ghandhom ikunu fil-massimu taghhom . Leggerenza u negligenza, l-aktar meta ikunu daqstant evidenti u grosslani, jammontaw ghal-agir illegali u mhux semplicement zvista kif qallu ir-rikkorenti fir-rikors taghhom;*

*Illi madanakollu filwaqt illi ma joggezjonax ghat-talba kif maghmula mir-rikkorenti l-esponent registratur jirrimetti ruhu ghal-provi u ghal-guddizju abli ta' dina l-Onorabbli Qorti. Dan sabiex jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti fic-cirkostanzi tal-kaz odjern jimmertawx illi jinghataw ir-rimedju eccezjonali bhal ma huwa dak preskritt fl-Artikolu 300 B fill-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2020, dehret l-Avukat Lorna Mifsud Cachia għar-rikorrenti u dehret Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji. Il-Qorti akkordat żmien sabiex jiġu ppreżentati xhieda bl-affidavit tar-rikorrenti u ħalliet l-kawża għal ġbir tal-provi tar-rikorrenti u għall-provi tal-intimati

Rat illi permezz ta' nota intavolata fis-17 ta' Novembru 2020 (fol 142) ġie ppreżentat l-affidavit ta' Gabrielle sive Gabby Dingli.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2021 l-Avukat Lorna Mifsud Cachia ddikjarat li r-rikorrenti m'għandux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2021, il-Qorti fuq talba tal-Avukat Lorna Mifsud Cachia, ordnat il-korrezzjoni fil-paragrafu 1 tar-rikors promotur billi ssir sostituzzjoni tal-kliem "l-Art. 330 B" bil-kliem "l-Art. 300B" ai termini tal-Art. 175 tal-Kap 12.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2021 xehdet Gabrielle Dingli in kontro eżami filwaqt li ġie ppreżentat dokument mill-istess intimata Gabrielle Dingli.

Rat in-nota datata 6 ta' Lulju 2021 (fol 170), tal-intimata Gabrielle sive Gaby Dingli fejn pprovdiet informazzjoni u kjarifiki mitluba minnha waqt ix-xhieda tagħha.

Rat in-nota datata 18 t'Ottubru 2021 (fol. 171) tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji fejn ippreżenta rapport.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2022, id-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-patroċinati tagħhom m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fis-16 ta' Marzu 2022, l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw il-kawża u illi l-kawża tħalliet għal-llum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi fis-7 ta' Settembru 2000, kienet ġiet reġistrata kumpanija kummerċjali b'responsabbilita' limitata bl-isem ta' **Chester Maritime Limited** li kienet iġġib in-numru C-26916, li fiha s-socjeta' estera, ir-rikorrenti Nan Finance S.A. kienet detentrici ta' 499 sehem ordinarju, filwaqt illi l-ko-rikorrenti assenti minn Malta  Elias Glyptis kien detentur ta' sehem wieħed ordinarju.

Jirrizulta illi sussegwentament, is-soċjetá Chester Martitime Limited ġiet xjolta permezz ta' risoluzzjoni straordinarja datata 30 ta' Jannar 2019.

Jirrizulta illi (i) ma kienx ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt illi s-soċjetá Chester Maritime Limited kienet flimkien ma ohrajn, fosthom Gelico Shipping CO.S.A., isselfet is-somma ta' seba' miljuni u disa' mitt elf dollari amerikani (USD7,900,000) minn ghand il-Piraeus Bank S.A. bis-sahha ta' Loan Agreement datat 24 ta' Gunju 2016 (Dok. CM6) u ulterjorment ma kienux lanqas ittieħdu in konsiderazzjoni iż-żewġ miljuni u ħames mitt elf sehem illi l-istess soċjeta' Chester Maritime Limited kellha fl-istess

Piraeus Bank S.A., liema ishma huma wkoll ippleġġjati a favur ta' l-istess bank in kawtela tas-self fuq riferit permezz ta' *Share Pledge Agreement*.

Jirrizulta illi meta l-istess soċjetá ġiet xjolta u l-isem tagħha ġie mħassar b'effett mill-4 ta' Settembru 2019, bi żvista, l-imsemmi self u investiment ippleġġjat ma kienx inġieb a konjizzjoni ta' l-istralċjarja.

Jirrizulta illi in segwitu għal dak li ġara u l-ommissjoni da parti tal-persuna inkarigata mill-istralc ta' Chester Maritime Limited, ir-rikorrenti għandhom interess illi l-kumpanija kummerċjali b'responsabilita limitata Chester Maritime Limited terġa' tiġi restitiwita fuq ir-Reġistru sabiex jerġa' jinfetaħ l-istralċ tagħha u jkun jista' jiġi formalizzat it-transferiment tad-dejn u tal-ishma kollha illi għandha fil-Piraues Bank S.A.

Jirrizulta illi l-posizzjoni li ħa r-Reġistratur tal-Kumpanniji tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-process ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Dan jevita ċertament lok għal abbuz. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi hemm qbil bejn il-partijiet illi fil-każ odjern, minkejja li l-kumpanija mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet reġistrata taħt ir-Regolamenti Dwar Bastimenti Merkantili (Orgajnizazzjonijiet ta' Bastimenti -Kumpanniji Privati), b'dana kollu jista jiġi applikat l-artikolu 300B tal-Att Dwar il-Kumpaniji skont ir-Regolament 3(3) tal-istess regolamenti li jipprovdi s-segwenti:

> *Where a matter is not specifically dealt with under these regulations, reference shall be made to the provisions of the Companies Act on such matter including any relevant regulations issued under the Companies Act.*

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina jekk il-fatti tal-każ jinkwadrawx fir-rekwiżiti neċessarji tal-Att tal-Kumpanija sabiex jiġi invokat l-artikolu 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat Ultejrorment:

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura</u>*

*materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*
*(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi ma hemm xejn fl-atti illi għandu jew jista' jindika illi s-self u l-investiment ippleġġjat imsemmija fir-rikors promotur tħallew barra mill-istralċ tal-kumpanija Chester Maritime Limited għal raġunijiet oħra għajr għax bi żvista u/jew żball.

Fir-risposta taghha l-likwidatur tghid illi ma kinitx infurmata bis-self u l-ismha msemmija fil-paragrafu 5 tar-rikors. Fl-affidavit taghha mbaghad tghid illi hija tiehu hsieb ix-xoljiment ta' diversi kumpanniji tad-ditta legali fejn tahdem hi, li hafna drabi jkunu *single ship companies* u meta jbieghu il-vapur ma jkun jifdilhom xejn u ghalhekk ma tibqax necessarja l-ezistenza tal-kumpannija. Fir-rigward ta' din il-kumpannija odjerna tghid illi hija ma kinitx taf illi l-kumpannija kellha s-self u l-pledge msemmi anke ghaliex fil-perjodu de quo, ma kienx staturorjament necessarju illi jkun hemm audited accounts biex tigi xjolta kumpannija bhal din.

In kontro-ezami, hija tirreferi ghad-dikjarazzjoni tad-diretturi DOK GD 1 u tikkonferma illi sakemm hija pprocessat il-likwidazzjoni, il-vapur tal-kumpannija likwidata kien gja inbiegh u tikkonferma illi hija ghamlet l-indagni u rat id-dokumenti kollha relattivi qabel ma ghalqet il-likwidazzjoni.

Di piu`, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-ommissjoni tas-self u l-investiment ippleġġjat msemmija mill-istralċ msemmi jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Kif sottomess mid-difensur tar-rikorrenti, hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi sar bi zvista.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma ghaddewx il-hames snin mid-data illi l-kumpannija giet ikkancellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod sabiex jiġu ttrasferiti is-self u l-ishma kif debitament ippleġġjati msemmija fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-Professur Andrew Muscat ighid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim (hawnekk assi attivi), will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully.*[1]

---

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni tar-rikorrenti u partikolarment tal-istralċjarja intimata li l-proċedura tal-istralċ tinħtieġ aktar attenzjoni sabiex żbalji jew żvisti simili għal dak li seħħu fil-każ odjern ma jirrepetux ruhom, anke jekk ikun giust jinghad, illi l-istralcarju stqarret illi taghmel bosta minn dawn il-likwidazzjonijiet u kienet l-ewwel darba illi rriskontrat zball bhal dan.

**Ghaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tqis illi l-ommissjoni tat-trasfeiment tas-self u l-investiment ippleġġjat msemmija fir-rikors promotur kienet illegali u tikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti noe et u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizultaw lill-Qorti, din il-Qorti qeghda:

1. **TILQA' l-ewwel talba** u tiddikjara li t-tħassir tal-isem tal-kumpanija **Chester Maritime Limited (C-26916)** mir-reġistru tal-kumpanija sar b'mod irregolari u dana stante li sar qabel ma kienu ttiehdu in kunsiderazzjoni u qabel ma kienu gew distribwiti l-assi u d-dejn kollu tal-istess kumpannija skond l-iskema tad-distribuzzjoni mhejjija mill-istralcjarja tal-istess kumpannija u ghalhekk jissussistu l-elementi rikjesti mill-Artikolu 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-isem tal-kumpannija jerga' jigi restitwit u l-istralc tal-kumpannija jerga' jinfetah.

2. **TILQA` t-tieni talba** u tordna li l-isem **Chester Maritime Limited (C-26916)** jerġa` jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimghatejn mill-llum.

3. **TILQA' t-tielet talba** u tordna illi jerga' jinfetah l-istralc tal-istess kumpannija **Chester Maritime Limited** (C-26916) limitatament sabiex l-intimata Gabrielle sive Gabby Dingli tkun tista' tifformalizza d-distribuzzjoni tal-assi u tad-dejn tal-istess kumpannija billi tiehu wkoll konjizzjoni tal-*First Supplemental Agreement* u tax-*Share Transfer Agreement* wara li dawn jigu iffinalizzati u ffirmati mill-partijiet koncernati, kif hawn taht deciz.

4. **TILQA' r-raba` talba** u tordna lill-intimata Gabrielle sive Gabby Dingli sabiex taghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jigi formalizzat it-trasferiment tad-dejn u tal-ishma kollha illi s-socjeta` ghandha fil-Piraues Bank S.A. fuq is-socjeta' estera Gelico Shipping CO.S.A., socjeta' registrata f'Monrovia, Liberia, kif mitlub, u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

   a) illi l-fuq imsemmija self u ishma ippleggjati jigu trasferiti mill-istralcjarja a favur tas-socjeta' Gelico Shipping Co. S.A., u dana tramite *First Supplemental Agreement* illi abbozz tieghu huwa anness bhala Dok CM 9 mar-rikors promotur (fol 107 tal-process),

   b) illi jigu trasferiti  ix-shares li ghandha Chester Maritime Limited f'Piraeus Bank S.A. lis-socjeta Gelico Shipping Co. S.A. u dan tramite *Share Transfer Agreement* illi abbozz tieghu huwa hawn anness bhala Dok

CM10 (fol 119 tal-process), b'dan illi il-prezz tax-shares ikun dak vigenti meta jsir it-trasferiment.

c) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizazzjoni tal-process ta' l-istralc tal-kumpannija Chester Maritime Limited (C-26916) ghandu jkun komplut sa zmien massimu ta' sena mill-llum, b'dan illi wara din is-sena ir-Registratur intimat jkollu s-setgha illi jerga' jnehhi isem il-kumpannija msemmija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji;

d) Illi l-qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpanija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju intimata sabiex dak li ma sarx tajjeb u skont il-liġi fil-passat qabel sar it-tħassir tal-isem tagħha, għajr dak hawn deċiz, jiġi ratifikat.

e) Illi l-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija kummerċjali b'responsabilita` limitata Chester Maritime Limited (C-26916) fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerga' jikkancella isem il-kumpannija wara li jsir dak hawn fuq deciz, ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**